KUNSILL LOKALI
**MOSTA**
LOCAL COUNCIL

**Laqgħa Numru 18** **It-Tlieta 26 t' Awwissu 2025**

Il-Kunsilli Lokali Mosta ltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq Il-Kostituzzjoni, fis-6:05pm ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**
Joseph Gatt – Sindku
Keith Cassar – Viċi Sindku
Thomas De Martino – Kunsillier (daħal għal- laqgħa fis- 18:25pm)
Sammy Mallia – Kunsillier
Aiken Zerafa - Kunsillier
Charles Schembri- Kunsillier
Maria Pia Bonnici – Kunsillier
Chris Grech – Kunsillier
Andre Buhagiar- Kunsillier (sa 7:48pm)
Anthony Agius Decelis – Kunsillier

**ASSENTI b' APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):**
Michaela Ann Bayliss – Kunsillier
Chantelle Portelli- Kunsillier
Rachel Abela – Kunsillier

**ASSENTI:**
Nil.

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Jeremy Bartolo – Segretarju Eżekuttiv

**MISTEDNIN:**
Daniel Galea – Accountant (Online)

**Minuti**
Is-Sindku Joseph Gatt ippreseda l-laqgħa.

**18.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

Is-Segretarju Eżekuttiv stqarr illi rċieva ittra t'apoloġija mingħand il-Kunsillieri Bayliss, Portelli u Abela. It-talbiet ta' skuża ġew milqugħa mill-Kunsilliera preżenti nem. con.

**18.2 Kunsiderazzjoni tal-Minuti nru 17**

**18.2.1 Korrezzjonijiet Minuti nru 17**

14.5.1.2 Parks and Gardens Tender

"Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li saret laqgħa bejn hu stess, is-Segretarju Eżekuttiv, il-Kunsillier Grech u l-Kunsillier Demartino flimkien mal-kuntrattur attwali responsabbli mix-xogħol tal-ġardinaġġ.

Matul din il-laqgħa, intlaħaq ftehim dwar prezz proviżorju sabiex ix-xogħol li hu meqjus bħala barra mit-tender eżistenti ikompli jitwettaq sakemm jinħareġ tender ġdid u jkun ingaġġat kuntrattur permezz ta' dan it-tender aġġornat. L-ispiża li ġiet stabbilita għal dan ix-xogħol barra mit- tender hija ta' €7,500 fix-xahar, li tkopri tisqija, provvista tal- ilma u manutenzjoni.

Il-Kunsillier Grech staqsa wkoll dwar is-sitwazzjoni tal-pjanti li mietu, u jekk hux ser isir sostituzzjoni ta' dawn il-pjanti skont kif kien miftiehem. Is- Sindku wieġeb fl- affermattiv.

Barra minn hekk, ġie mfisser ukoll illii l-manutenzjoni u t-tisqija tal-Pjazza se jkunu taħt ir-responsabbiltà ta' Ambjent Malta sakemm il-Kunsill jikkonkludi l-proċess tal- għoti ta' kuntratt ġdid permezz tat-tender il-ġdid."

Il-Minuti numru 17 kienu approvati mingħajr korrezzjonijiet mill- membri preżenti nem. con. għajr għal xi punti addizzjonali li ġew miżjuda hekk kif imsemmi f' punt 14.5.1.12 hawn fuq.

### 18.2.2 Aġġornamenti Minuti nru 17

### 14.5.1.1 Tender għat- tiżjin tal- Milied

Is- Sindku semma li t-tender tat- tiżjin tal-Milied KLMT-02-2025 għalaq fuq l-EPPS, u ġie evalwat mil-kumitat tal-evalwazzjoni tat- tenders. Ir-rapport tal-evalwazzjoni ser ikun preżentat fl-item speċifiku iktar tard fis- seduta tal-lum.

### 17.3.1 Aġġornamenti fi Pjazza Torri u tal- Qares

Is-Sindku semma li b' koordinazzjoni mal-Kunsillier Grech, ir-*railings* tax-xelters ser isiru mil-Public Works, filwaqt illi l- landscaping (ġardinaġġ) hemm ċans li jsir minn- Project Green. Saret talba mal-*Public Works* ukoll għad- dawl tat-triq, u dan qiegħed jiġi kkunsidrat. Is-Sindku semma li l ftuħ ser ikun fis-16 ta' Settembru, li taħbat ma' Jum il-Mosta, flimkien mas-Segretarju Parlamentari Omar Farrugia.

Is-Sindku stqarr illi f' tal-Qares, ix- xogħol qiegħed jiġi iffinalizzat, fejn inżergħu żewġ siġar taċ-ċipress, u għad trid tiġi mħabbra data sabiex ikun hemm avveniment tal-ftuħ uffiċjali.

### 17.3.2 Pjazza Bus Shelter MoU

Is-Sindku stqarr illi qiegħed ikun hemm diskussjonijet dwar it-tiġdid tal-*Memorandum of Understanding* tal-*bus shelters* li jinstabu fil-Pjazza tal- Mosta. Il-firmatarji ta' dan l-MoU jixtiequ li dan il-*bus shelter* ikun inkluż bħala parti mill- insurance tal-Kunsill, b' valur ta' €35,000. Il- Kunsill ser jistudja jekk il- *bus shelter* huwiex diġa inkluż fl- insurance tal- Kunsill, u

b' liema valur, sabiex dan ikun evalwat qabel l-MoU ma jkun ffirmat. Il- Kuntratt l- antik jindika illi l- insurance huwa suppost li jkun inkluż ma' dak tal- Kunsill.

17.4.5 Tender Upkeep & Maintenance of Pedestrian Streets & Ancillary Works

Is-Segretarju Eżekuttiv iċċirkola mal-Kunsillieri id-dokument aġġornat fil-jiem ta' qabel il-laqgħa tal-lum; it-tali dokument kien approvat mill-Kunsillieri preżenti unanimament sabiex dan jittella fuq is-sistema tal-EPPS sabiex il- Kunsill jirċievi it-tenders.

**18.3 Kommunikazzjoni / Korrispondenza mis-Sindku**

**18.3.1 Aġġornamenti mis- Sindku**

Is-Sindku, Sur Joseph Gatt, irrefera għal-korrispondenza mal-Minstru Owen Bonnici, fejn is-Sindku fakkar li kien diġà għamel diversi appelli fuq is-sitwazzjoni prekarja li jinsab fiha l-Kunsill tal- Mosta. Huwa nnota li żewġ kunsilli oħra li jinsabu f'sitwazzjonijiet simili ġew megħjuna permezz ta' "cash injection": il-Kunsill tal-Kalkara u issa wkoll il-Kunsill tar-Rabat, li ngħata allokazzjoni ta' mawdar €1,000,000.

Is-Sindku enfasizza li l-Kunsill ta' Mosta m'għandu qatt jistenna inqas trattament minn dawn il-kunsilli, billi l-problemi finanzjarji tiegħu huma magħrufa u dokumentati. Huwa rrimarka li s'issa saru diversi laqgħat mal-awtoritajiet sabiex tikber l-allokazzjoni lill-kunsilli lokali, iżda dawn ma taw ebda riżultat u l-allokazzjoni baqgħet insuffiċjenti, kif diġà kien spjegat f'ħafna okkażjonijiet u permezz ta' diversi eżempji.

Is-Sindku sostna li ilhom aktar minn sena jressqu l-karba tal-Kunsill iżda s'issa ma rċevewx la tweġibiet u lanqas għajnuna konkreta.

**18.3.2 Talba mingħand impjegata biex titla notch 6**

L- impjegata tal- Kunsill Kylie Polidano ressqet it- talba tagħha quddiem il- Kunsilleri sabiex titla min *notch 5* għal *notch 6.* Il- Kunsillieri approvaw din it- talba nem. con.

**18.3.3 Talba mingħand impjegata biex titla notch 6**

L- impjegata tal- Kunsill Ramona Calleja ressqet it- talba tagħha quddiem il- Kunsilleri sabiex titla min *notch 5* għal *notch 6.* Il- Kunsillieri approvaw din it- talba nem. con.

**18.3.4 SPI/SCI/02/2024 - Komunitajiet aktar b' saħħithom u inklussivi**

Il-Kunsill iddiskuta l-proġett relatat mal-installazzjoni tal-bollards fil-Pjazza tal-Mosta. Wara valutazzjoni fuq il-post, ġie maqbul li l-proposta oriġinali kienet ser twassal għal-possibilità li x–xogħol jista' jikkawża ħsarat serji fis-servizzi essenzjali li għaddejjin fit-Triq. Għaldaqstant, il-Kunsill approva l-emenda sabiex il-bollards jitqiegħdu bejn il-bankini u t-toroq, b'mod li tissaħħaħ is-sigurtà u tinżamm il-flessibbiltà għall-użu tal-Pjazza. Din is-soluzzjoni tqieset bħala waħda aktar effettiva u konformi mal-għanijiet tal-iskema. Il- Kunsillieri qablu nem.con.

18.3.5 **Permess tal- ERA – Siġar Ġnien Reġġie Cilia**

Is-Segretarju Eżekuttiv ppreżenta l-korrispondenza ma’ Project Green fir- rigward tas’ siġar fi Ġnien Reġġie Ċilia, fejn ppreżenta il- komunikazzjoni tal-Kunsill u l-Perit mal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi (ERA), flimkien mar-rakkomandazzjoni tagħhom. Ġie mfakkar li inizjalment kienet saret talba għall-qtugħ jew it-trapjant ta’ 13-il siġra (is-speċi u l-kwantitajiet kienu indikati fl-applikazzjoni oriġinali). Madankollu, ġie deċiż mill-Kunsill il-ġdid flimkien mal-Ministru li jiġu rimossi biss is-siġar tal-Eucalyptus li nstabu mejtin.

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li, sa fejn jaf hu, ma saritx korrispondenza oħra bil-miktub jew sottomessa mal-ERA fuq dan is-suġġett. Madankollu, kien hemm diversi żjarat fuq il-post mill-ERA flimkien mal-kuntrattur tal-ġardinaġġ, kif ukoll mal-i stess Segretarju Eżekuttiv u Sindku.

Il-Kunsill ġie mitlub jikkonferma u jagħti l-approvazzjoni tiegħu sabiex l-applikazzjoni lill-ERA timxi ’l quddiem skont il-ftehim imsemmi, jiġifieri li jitneħħew is-siġar tal-Eucalyptus mejtin. Il-Kunsillieri preżenti qablu sabiex il- Kunsill jipproċedi bl-applikazzjoni nem. con.

**18.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

**18.4.1 Il- Kunsillier Bonnici – *Public Conveniences***

Il-Kunsillier Bonnici stqarret illi l-latrini ta’ Santa Marija fl-4 ta’ wara nofsinhar iridu jitneħħew qabel ma tgħaddi Santa Marija.

**18.4.2 Il- Kunsillier Bonnici – Sqaq San Anton Abbati nru 3**

Il-Kunsillier Bonnici stqarret illi r-residenti ta’ Sqaq San Anton Abbati nru 3 mhux jintbagħat kennies, ma jinġabarx żibel, u hemm it-Triq tinstab fi stat ħażin. Għamlet enfasi sabiex il-kuntrattur ma jitlaqx dawn iż- żoni.

**18.5 Rapporti**

**18.5.1 Onoreficenza Ġieħ il-Mosta Updates**

Il- Viċi Sindku stqarr illi l- Kunsill għadu jirċievi l- applikazzjonijiet fiżiċi, kif ukoll onlajn, u dawn ser ikunu evalwati fil-laqgħa li jmiss mal- Kunsillieri.

**18.5.2 Qaragħasel Fondi Reġjun Tramuntana -Pubblikazzjoni ta’ Ktieb**

Is-Sindku stqarr, f’ isem il-Kunsillier Bayliss illi ma kienitx preżenti għal- laqgħa, li tixtieq l-approvazzjoni tal- Kunsill sabiex isir ktieb għal Qargħasel, simili ta’ dak li kien ippublikat fis-snin preċedenti. Dan ser jiswa madwar €1600, u hemm €5000 disponibbli mir-reġjun tramuntana. Mal-approvazzjoni tal- Kunsill, il- Kunsill ikun jista jagħmel l-applikazzjoni formali għat- talba ta’ dan il-Ktieb. Il- Kunsillieri preżenti qablu unanimament ma din it- talba.

**18.5.3 Write off debtors and creditors balances**

L- Accountant spjega lil-Kunsillieri preżenti il- lista ta' debtors u creditors, fejn il- Kunsillieri ġew preżentati bil-lista sabiex ikun hemm xi *entries* tal- accounts bħala "bad debt", jiġifieri, flus irrikoverabbli. Wara li l- Kunsillieri daru din il- lista, kien deċiż illi din il- lista tkun imniżżla bħala flus irrikoverabbli. Il- Kunsillieri qablu unanimament.

**18.5.4 Update - Rental, installation and dismantling of decorative Christmas Lights in the locality of Mosta**

Is-Sindku preżenta r-rapport t' evalwazzjoni ta' KLMT-01-2025, fejn il- bord t' evalwazzjoni ta ir-rakkomandazzjoni tiegħu, u qiegħed jitlob l-approvazzjoni tal- Kunsill sabiex ikun jista jipproċedi bil-proċess tat-tender fuq is-sistema tal- EPPS, sabiex ikun iffinalizzat il- proċess mal-kuntrattur ikkonċernat. Il- Kunsillieri preżenti qablu unanimament sabiex il- Kunsill jipproċedi bil-fażijiet li jmiss.

**9:00pm: Il- Kunsillieri qablu li l-laqgħa tkun estiża b' nofs siegħa, jiġifieri sa' 9:30pm.**

**18.5.5 Tender Evaluation report- Leasing of premises – Garage to be used for machinery storage**

Is-Sindku preżenta r-rapport t' evalwazzjoni ta' KLMT-01-2025, fejn il- bord t' evalwazzjoni ta ir-rakkomandazzjoni tiegħu, u qiegħed jitlob l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex ikun jista jipproċedi bil-proċess tat-tender fuq is-sistema tal- EPPS, sabiex ikun iffinalizzat il-proċess mal-kuntrattur ikkonċernat. Il- Kunsillieri preżenti qablu unanimament sabiex il- Kunsill jipproċedi bil-fażijiet li jmiss.

**18.5.6 Ticketing System update**

Is-Segretarju Eżekuttiv stqarr illi kien hemm testing min naħa tal-istaff tal-Kunsill, fejn il-programmaturi pprovdew software pilota. Wara ftit ġimgħat ta' użu, kienu nnotati ċerti features illi kienu neqsin mil- programm. Il- Kunsill qabel illi nagħmlu talba mal-iżviluppaturi sabiex ikollna *trial run* bil- *features* full qabel ma tittieħed id- deċiżjoni finali.

**18.5.7 Quarterly Report 2 - 2025**

L- Accountant Daniel Galea, daħal fil- laqgħa sabiex jispjega ir- rapport Q2 tal- 2025, l- accounts li jispjega il- perjodu tal- accounts minn Jannar 2025 sa Ġunju 2025. L- Accountant spjega li kien hemm żball ta' €53,000 f' dak li kien imniżżel fi Frar 2024, jiġifieri Q1 2024, fejn kien innotat mill- awdituri fl- eżerċizzju tat- 2025. Għaldaqstant, il-Kunsillier Grech stqarr illi l- FSI ta' Q2 tat- 2024 huma skorretti, u għaldaqstant din il- figura trid tiġi aġġornata. Is-Sindku u l-Viċi Sindku stqarru illi din il loġika ma trendix għax b'dak ir-raġunament, il- kontijiet tax- xogħol li kien sar fil-leġiżlatura preċedenti, jridu jiddaħħlu fil-*Quartery*- antiki, illi ovvjament huwa

impossibbli. Il-Kunsill fi Q2 2025 jgħid illi l-Kunsill kellu Surplus ta' madwar €40,000, jiġifieri, fil-perjodu bejn Jannar 2025 u Ġunju 2025.

L-Accountant semma ukoll illi kemm aġġornamenti fit-*tipping fees*, fejn il-Kunsill m'għadux irid iħallashom, u għaldaqstant, din il-figura trid tkun aġġornata fil-Budget tas-sena 2025, li jrid ikun emendat qabel il-Q3 tas-sena 2025.

l-FSI tal- Kunsill bħalissa jinstab bl- ammont ta' -50% sa Ġunju 2025, b' dejn ta' natura "short-term", jiġifieri dak ta' natura rekurrenti ta' madwar €823,000.

**18.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni**

**18.6.1 Skeda tal-Pagamenti**

l- Iskeda ta' Pagamenti numru 164 kienet approvata mill- Kunsillieri preżenti nem. con.

**18.6.2 Purchase Orders**

Il- lista ta' Purchase Orders ippreżentata kienet approvata mill- Kunsillieri preżenti nem. con.

**18.6.3 Works Orders**

Il- lista ta' Works Orders ippreżentata kienet approvata mill- Kunsillieri preżenti nem. con

**18.6.4 Petty Cash**

Il- lista ta' Petty Cash ippreżentata kienet approvata mill- Kunsillieri preżenti nem. con.

**18.7 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduti li jmiss.**

Il-laqgħa ntemmet uffiċjalment fis-21:21 p.m. Kien hemm qbil unanimu bejn il-membri preżenti li l-Laqgħa Numru 19 tal-Kunsill Lokali se ssir nhar l- Erbgħa, 3 ta' Settembru 2025, fis-18:00pm, fl- uffiċini tal-Kunsill.

IFFIRMATI
Joseph Gatt
Sindku

IFFIRMATI
Jeremy Bartolo
Segretarju Eżekuttiv